MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF
VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF
JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Appell Civili Numru. 177/2004/1

**Tabria Developers Company Limited**

**v.**

**Pilastri Limited**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1.1. Dan hu appell interpost mis-socjeta` konvenuta minn sentenza moghtija mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-28 ta’ April, 2006 fil-kawza fl-ismijiet premessi, li minnha

gie interpost ukoll appell incidentali min-naha tas-socjeta` attrici appellata.

1.2. In forza ta’ din is-sentenza, l-ewwel Qorti laqghet it-talba attrici, fuq bazi ta’ ekwipollenza, u kkundannat lis-socjeta` konvenuta thallas lill-appellata l-ammont ta’ Lm16,397.36c (ekwivalenti ghal €38,195.57) bl-ispejjez kontra l-konvenuta, u bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni.

1.3. Ghal intendiment ahjar ta’ dana l-appell, u appell incidentali, din il-Qorti qeghda tirriproduci fl-intier taghha s-sentenza meritu ta’ dana l-appell li fiha gie ritenut u deciz hekk:
“**Il-Qorti**,

“**Preliminari**

“Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha is-socjeta` attrici ppremettiet:

“Billi matul is-sena elfejn (sena 2000) is-socjeta` attrici bieghet u konsenjat lis-socjeta` konvenuta zewg (2) Bobcats u Parts relattivi versu l-prezz kumplessiv ta’ Lm16,397.36 (sittax–il elf tlett mija sebgha u disghin Lira sitta u tletin centezmu);

“Billi s-socjeta` konvenuta ghad ghandha thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq imsemmija, oltre imghaxijiet relattivi;

“Billi s-socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti minkejja diversi interpellanzi kompriza l-hrug ta’ ittra ufficjali datata disgha u ghoxrin (29) ta’ Settembru elfejn u tlieta (2003) u mandat ta’ sekwestru;

Billi l-ammont fuq imsemmi huwa cert, likwidu u dovut u s-socjeta` attrici qed titlob f’dan l-att stess tac-citazzjoni li jigi deciz skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegh tal-kawza;

“Billi sa fejn taf is-socjeta` attrici, is-socjeta` konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet x’taghti kontra t-talba.

“Ghalhekk tghid is-socjeta` konvenuta ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex: tiddispensa mis-smiegh tal-kawza u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma fuq mitluba,

“Bl-imghaxijiet skond il-ligi u bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali fuq imsemmija u l-mandat fuq imsemmi.

“Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta` attrici a fol.3 tal-process.

“Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta** a fol.22 tal-process fejn eccepiet:

1) Illi fl-ewwel lok, is-socjeta` konvenuta qatt ma ghamlet negozju mas-socjeta` attrici, ghal liema raguni s-socjeta` attrici ghandha tesebixxi kopja ta’ *invoice* tas-sena elfejn (2000) li turi meta sar dan l-allegat bejgh, ghal liema raguni s-socjeta` ma hiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza.

2) Illi minghajr pregudizzju ghal dak gia eccepit is-socjeta` konvenuta akkwistat il-makkinarju ndikat fic-citazzjoni minghand Pilastri Developers Limited u l-ebda ammont ma huwa dovut lil din is-socjeta` ghall-akkwist ta’ l-imsemmi makkinarju u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

3) Illi l-ebda ammont ma huwa dovut lis-socjeta` attrici mis-socjeta` konvenuta u dan kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

4) Salv eccezzjonijiet ulterjuri u b’rizerva ghal kull azzjoni spettanti lis-socjeta` konvenuta.

“**Talba u eccezzjonijiet**

“Is-socjeta` attrici qed titlob il-prezz ta’ Lm16,397.36 ta’ zewg Bobcats u parts mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta` konvenuta.

“Is-socjeta` konvenuta eccepiet illi hi ma ghamlet ebda negozju mas-socjeta` attrici u ghalhekk m’hiex il-legittimu kontradittur f’din il-kawza; illi s-socjeta` konvenuta akkwistat il-makkinarju ndikat fic-citazzjoni minghand Pilastri Developers Ltd u li l-ebda ammont ma hu dovut lis-socjeta` attrici. Sussegwentement b’nota ta’ eccezzjonijiet ulterjuri s-socjeta` konvenuta eccepiet il-preskrizzjoni taht l-Artikolu 2148(b) tal-Kap 16 (fol 100).

“**Provi**

“**Dr. Martin Testaferrata Moroni Viani,** direttur tas-socjeta` attrici, xehed li l-kumpanija attrici qabel kien jisimha Pilastri Developers Co. Ltd. (ara fol 26). Hi kienet akkwistat is-shares li kellhom l-ahwa Scicluna fil-kumpanija Pilastri Developers Co Ltd u kienu hallsuhom Lm4,824 ghax shares u Lm75,605.33 ghax-shareholders loans (ara dok a fol 68, 70 u 71). Originarjament Pilastri Developers Co Ltd kienet importat tlett bobcats, bieghet wahda u baqghet bi tnejn. Pilastri Limited, tramite Anton Scicluna, hadu wiehed u bdew juzawh, u dana qabel is-sena 2001. Anton Scicluna mbaghad kien accetta li Pilastri Ltd tixtri dawn iz-zewg bobcats u parts fl-ammont a’ Lm14,258.57 u VAT Lm2,138.79. Il-bobcats ma kienux parti mis-share transfer imma kienu diga ghand Pilastri Ltd. Dawn il-bobcats gew akkwistati minn Pilastri Developers illum Tabria Co Ltd bejn l-1996 u l-1998. Ix-xhud ma setghax jikkonferma precizament meta sar il-bejgh ta’ dawn il-bobcats u parts. A fol 68 jidher l-ammont ta’ Lm14,259 li huwa tal-bobcats u l-partijiet kienu jafu li dawn kienu fuq il-kotba ta’ Pilastri Developers imma meta l-atturi pprovaw jiehduhom, dawn baqghu ghand Scicluna, ghalhekk l-atturi kkonsidrawhom bhala bejgh altrimenti kellhom jitnehhew mill-kotba taghhom.

“**Anton Scicluna** ghal konvenuti xehed li kienu shab mal-familja Testaferrata fil-kumpanija Pilastri Developers Co Ltd. Wara ftit zmien l-ahwa Scicluna ddecidew li jbieghu l-ishma tal-kumpanija lil ahwa Testaferrata. Il-familja Testaferrata hadet id-dejn tal-kumpanija kif ukoll il-propjeta` Cathedral Mansion f’Tas Sliema u l-ahwa Scicluna hallsu l-imghaxijiet fuq id-dejn li kien jammonta

ghal Lm75,000. Meta gie iffirmat il-kuntratt Dr. Martin Testaferrata kien ftiehem verbalment max-xhud illi galadarba sar it-transfer, l-ahwa Scicluna ma kellhomx x'jaqsmu mal-propjeta` u l-ahwa Testaferrata ma kellhom jiehdu xejn aktar minn ghandhom. Hu kien qal lil Martin Testaferrata li l-ahwa Scicluna kienu tilfu Lm75,000 minn dan il-bejgh u li issa kien kuntent illi kulhadd kien jaf fejn qieghed u hadd ma kellu x'jaqsam ma hadd. Hu kien ftiehem ma Martin Testaferrata li dak li hu kien fadallu jaghti lill-Bank kienu ser ihallsuhom Testaferrata u kellu jaghtihom il-magni kollha u l-ohrajn jibqghu ghandu. Dak li huma kellhom jaghtu lill-Bank ghadda fuq Testaferrata. Ix-xhud jghid illi kellhom ftehim ta' tpacija u l-bobcats kellu jzommhom hu. A fol.68 hemm valuation li a bazi taghha hadmu l-prezz.

“**Kontestazzjoni konvenuti**

“Il-konvenuti qed jikkontendu li huma qatt ma ffirmaw skrittura ta' bejgh tal-bobcats u parts mas-socjetajiet attrici. Il-bobcats kienu ghaddew ghand is-socjeta` konvenuta ferm qabel is-sena 2000 tant li Dr. Martin Testaferrata qal fix-xhieda tieghu illi meta dawn l-ingenji gew Malta ghaddew mill-ewwel ghand Pilastri Ltd u bdew juzawhom. Il-konvenuti jirritjenu li l-bejgh li effettivament sar kien dak bl-imnut li skond l-art.2148(b) tal-Kap 12 u huwa preskritt bid-dekors ta' tmintax il-xahar.

“Il-konvenuti inoltre qed jirritjenu li meta sar it-trasferiment tas-shares kull parti kienet taf li l-bobcats kienu ghand is-socjeta` konvenuta u fil-jum tat-trasferiment il-partijiet iddikjaraw verbalment li ma kellhomx izjed x'jaqsmu ma xulxin u ghalhekk isegwi li l-konvenuti m'ghandhom jaghtuhom xejn aktar.

“**Kontestazzjoni atturi**

“L-atturi jirritjenu li fil-valuation hemm indikat li l-construction equipment jappartjeni lil Pilastri Developers Co Ltd bil-valur ta' Lm14,259 u ghalhekk sat-13 ta' Jannar 2001, data meta sar l-akkwist tal-kumpanija attrici, dawn l-ingenji kienu ghadhom meqjusa bhala propjeta` tas-

socjeta` attrici. Fid-dokument tal-Valuation dehru biss l-ahwa Scicluna u l-kumpannija tal-familja Testaferrata u ma tidhirx is-socjeta` attrici Tabria Developers, gia Pilastri Developers, bhala parti ghal istess ftehim, ghalhekk kieku l-bobcats kienu nbieghu bis-sahha ta' dak il-ftehim, kienet tidher is-socjeta` attrici bhala parti fuq l-istess ftehim. Inoltre fl-ircevuta rilaxxata mill-ahwa Scicluna imkien ma jissemmew l-oggetti mertu tal-kawza u din ir-ricevuta tirrigwarda shareholders' loans.

"**KONSIDERAZZJONIJIET**

"**L-ewwel zewg eccezzjonijiet**

"Dwar l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti li huma m'ghamlux negozju mas-socjeta` attrici u ghalhekk m'humiex il-legittimi kontraditturi jirrizulta mill-provi li s-socjeta` konvenuta kienet akkwistat il-makkinarju indikat fic-citazzjoni minghand Pilastri Developers Company Limited li llum jisimha Tabria Developers Company Limited.

"Ghalhekk l-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda, kif ukoll qed tigi michuda t-tieni eccezzjoni in kwantu qed tirreferi ghall fatt li ma sar ebda negozju mas-socjeta` attrici.

"**Tielet eccezzjoni**

"Kwantu ghal eccezzjoni tal-konvenuti li ebda ammont ma hu dovut mis-socjeta` konvenuta, il-Qorti trid tiddeciedi jekk is-socjeta` konvenuta akkwistatx dawn l-oggetti b'titolu ta' bejgh kif qed tallega s-socjeta` attrici jew b'titolu ta' transazzjoni kif qed tallega s-socjeta` konvenuta.

"Fit-30 ta' Settembru 2000 Anton Scicluna ffirma l-Valuation Sheet tal-kumpanija Pilastri Developers Co Ltd (ara fol 68) fejn jidher illi construction assets (cjoe bobcats u parts) kienu jammontaw ghal Lm14,259; jigifieri sa dak l-istadju Anton Scicluna kien qed jaqbel illi dawn l-ingenji kienu propjeta` ta 'Pilastri Developers Co Ltd. F'din l-istess valuation sheet jidher ukoll il-prezz tal-25,000 shares li kellhom jinbieghu lil ahwa Testaferrata,

jigifieri dan il-prezz jidher illi kien ilu miftiehem mill-inqas minn Settembru tas-sena ta' qabel ma sar il-kuntratt.

"Mhux kontestat li l-bobcats kienu qed jigu uzati mill-konvenuti u dana kien accettat u maghruf mis-socjeta` attrici u dana sakemm sar it-trasferiment tax-shares. Imbaghad meta sar it-trasferiment is-socjeta` attrici talbet lura dawn il-bobcats jew il-hlas taghhom billi bdiet tinsisti illi l-bobcats qatt ma kienu jiffurmaw parti mill-ftehim ta' trasferiment. Min naha l-ohra s-socjeta` konvenuta bdiet tallega illi l-bobcats kienu parti minn transazzjoni u tpacija tat-trasferiment li sar tax-shares.

"Dr. Martin Testaferrata xehed li Anton Scicluna, waqt li kien qed jiffirma l-iskrittura, accetta illi jixtri dawn il-bobcats mentri Anton Scicluna jichad dan u jghid li meta sar it-trasferiment ta' l-ishma l-ahwa Testaferrata ftehmu verbalment illi ma kellhom jiehdu xejn izjed minghand l-ahwa Scicluna.

"Mill-provi prodotti ma jidhirx illi f'xi mument partikolari fin-negozjati kien hemm xi ftehim minn naha tas-socjeta` konvenuta li hi tixri dawn il-bobcats. Is-socjeta` attrici allegat illi hija kienet kwazi giet sfurzata biex dawn il-bobcats tnizzilhom bhala bejgh ghaliex ma kienx hemm triq ohra kif in-nuqqas ta' dawn il-bobcats jigi mnizzel fil-kotba tal-kumpannija. Ghalhekk, is-socjeta` attrici arbitrarjament iddecidiet illi dawn l-ingenji kellhom bil-fors ikunu suggett ta' bejgh pero` ma jirrizultax mill-atti li qatt inghata kunsens ta' bejgh mis-socjeta` konvenuta.

"Fil-kaz in ezami ma jistax jinghad li sar xi bejgh, ghaliex skond Art. 1347 tal-Kodici Civili:

*"Il-bejgh hu perfett bejn il-partijiet, u, kwantu ghall-bejjiegh, il-proprjetà tal-haga tghaddi ghand ix-xerrej,* ***malli jsir il-ftehim fuq il-haga u fuq il-prezz****, ghalkemm il-haga tkun ghad ma gietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun ghad thallas il-prezz; u minn dak il-hin il-haga nfisha tibqa' ghar-riskju u ghall-uzu tax-xerrej".*

“Mill-provi prodotti ma jirrizultax illi sar dan il-ftehim u dan jidher ukoll mix-xhieda ta’ Dr. Martin Testaferrata fejn qal (a fol. 104 ): “we have treated it as a sale minn naha taghna”. Dan juri bic-car illi s-socjeta` attrici iddecidiet unilateralment illi dan kien bejgh ghax skond Dr. Martin Testaferrata s-socjeta` attrici ma kellhiex triq ohra hlief li tqis illi l-bobcats bhala mibjugha lis-socjeta` konvenuta galadarba dawn ma kienux fil-pussess taghha.

“Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi li effettivamet ma kienx hemm bejgh ta’ dawn il-bobcats u parts lill konvenuti.

“Il-konvenuti min naha l-ohra qed jikkontendu li dawn il-bobcats u parts qeghdin ghandhom b’titolu ta’ transazzjoni meta gie konkluz il-ftehim mas-socjeta` attrici.

“Mhux kontestat li l-kuntratt ta’ trasferiment ta’ l-ishma sar f’Jannar ta’ l-2001. Meta sar dan it-trasferiment, il-kumpanija Pilastri Developers Co Ltd iddevolviet ghand l-ahwa Testaferrata, imbaghad dawn ma riedux aktar illi propjeta` tal-kumpanija taghhom tibqa’ ghand haddiehor, f’dan il-kaz, ghand il-konvenuti, u ghalhekk talbu lura l-oggetti in kwistjoni. L-ahwa Scicluna m’accettawx it-talba ta’ l-atturi ghax ghalihom meta sar it-trasferiment tax-shares tal-kumpanija Pilastri Developers Co Ltd din kienet tinkludi wkoll it-trasferiment tal-bobcats.

“Il-Qorti ezaminat id-dokumenti relattivi izda rrizultalha li la fix-share transfer agreement u lanqas f’xi dokument iehor ipprezentat fl-atti tal-process ma jidher illi kien hemm xi trasferiment ta’ dawn il-bobcats minghand is-socjeta` attrici ghal ghand is-socjeta` konvenuta. Kull ma qal Anton Scicluna kien li kien hemm <u>ftehim verbali</u> li l-bobcats kellhom jibqghu ghandhom bhala tpacija. Mid-dokumenti relattivi tat-trasferiment tax-shares ma ssemmiex li kellha ssir xi tpacija ghal xi somma ta’ flus jew haga ohra u lanqas jidher illi l-ahwa Scicluna hadu inqas minn dak li kellhom jiehdu fi flus biex ipacu bi hwejjeg ohra. Dan apparti c-cahda ta’ l-attur li kien hemm tali ftehim verbali. Ghalhekk il-Qorti hi tal-fehma li ma giex pruvat mill-konvenuti li kien hemm xi ftehim specifiku dwar

il-bobcats u parts fis-sens li dawn kellhom jibqghu ghand il-konvenuti.

“**Preskrizzjoni**

“Inkwantu illi dina l-Qorti ddecidiet aktar ’l fuq li ma kienx hemm bejgh tal-bobcats u parts lill konvenuti, l-eccezzjoni tal-konvenuti dwar il-preskrizzjoni taht l-artikolu 2148(b) ma tistax ikollha ezitu favorevoli billi ma kienx hemm bejgh ta’ dawn l-oggetti. Jigi rilevat li l-kontestazzjoni tal-konvenuti qatt ma kienet li kien sar bejgh tal-bobcats u parts imma li dawn ghaddew ghandhom bi trasnsazzjoni. Mhux kompitu tal-Qorti f’dan l-istadju li tiddeciedi fuq x’tip ta’ preskrizzjoni ohra hija applikabbili ghall kaz in ezami. Lanqas m’ghandha ghalfejn il-Qorti tidhol fil-kwistjonijiet sollevati mill-atturi dwar jekk gietx segwita l-procedura meta nghatat l-eccezzjoni.

“Illi ghalhekk l-eccezzjoni dwar preskrizzjoni eccepita mill-konvenuti mhiex applikabbli ghal dana l-kaz u qed tigi michuda.

“**Talba attrici**

“Fl-att promotorju l-atturi qed jippremettu li huma ghandhom jiehdu l-ammont mitlub ta’ Lm16,397.36 ghal bobcats u parts mibjugha u kkonsenjati lill konvenuti. Irrizulta mill-provi li effettivament ma kienx hemm bejgh ta’ dawn il-bobcats u parts, imma dawn kienu current assets tal-kumpanija attrici, li kienu fil-pussess tal-konvenuti li ppretendew li dawn kienu ghaddew ghandhom bi transazzjoni, haga li ma rrizultatx mill-provi. Illi dawn oggetti kienu u huma propjeta` tas-socjeta` attrici li kellhom jigu ritornati lill atturi izda li baqghu ghand il-konvenuti li baqghu juzawhom tul dan iz-zmien.

“Ghalhekk proprjament it-talba attrici <u>kif proposta</u> ghal valur ta’ dawn l-oggetti m’ghandhiex tigi milqugha fuq il-premessa minnhom maghmula fl-att promotorju izda f’kaz li mill-fatti tal-kawza tirrizulta kawzali diversa minn dik dedotta fic-citazzjoni, il-Qorti tista’ minflok tiddeciedi billi tichad it-talba ta’ l-atturi, tipprovvdi fuq il-mertu in bazi

ghall-kriterju ta' l-ekwipollenza. Hekk gie deciz fil-kawza Emanuele Camilleri vs Giovanni Abdilla (Vol XX1X p2 p 698) fejn irrizulta li n-negozju guridiku bejn il-partijiet kien tali li jikkostitwixxi permuta u mhux vendita (ara wkoll sentenza Calleja vs Dr. J. Herrera et PA 5/10/1992).

"Fil-kaz in ezami l-ammont ta' Lm16,397.36 hu dovut lill atturi mhux ghax l-oggetti gew mibjugha lill konvenuti imma billi dawn kienu l-current assets tal-kumpanija attrici li kienu qed jigu detenuti mill-konvenuti minghajr dritt.

"**DECIZJONI**

"Ghal dawn il-motivi

"Il-Qorti prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti

"Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta` konvenuta thallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' sittax il-elf tlett mija sebgha u disghin lira Maltin u sitta u tletin centezmu (Lm16,397.36).

"Bl-ispejjez kontra l-konvenuti

"Bl-imghax mid-data tan-notifika tac-citazzjoni."

**<u>L-APPELL TAS-SOCJETA` KONVENUTA</u>**

2.1. Is-socjeta` konvenuta Pilastri Limited (C 8015) hassitha aggravata b'din is-sentenza u interponiet appell minnha a bazi ta' sensiela ta' aggravji.

2.2. L-aggravji tas-socjeta` konvenuta jistghu jingabru fil-qosor fis-segwenti:

(I) Il-bazi ta' l-azzjoni attrici kienet talba ghal hlas ta' somma specifika – prezz ta' bejgh. Illi minkejja li l-ewwel Qorti ddecidiet li ma kienx hemm ftehim ta' bejgh, xorta wahda laqghet it-talba attrici, u dan ghamlitu in bazi tal-kriterju ta' l-ekwipollenza. Dan il-kuncett ta' ekwipollenza gie adoperat mill-ewwel Qorti b'mod legalment zbaljat. Dan il-kuncett "jissussisti biss, meta talba implicitament

tkun kompriza fid-domanda maghmula fl-att tac-citazzjoni izda mhux espressament mitluba”.

F’dan il-kaz, l-ewwel Qorti “eccediet il-parametri ta’ dan il-kuncett”. Darba li l-oggetti kienu detenuti mis-socjeta` konvenuta bla dritt, allura jsegwi li t-talba kellha tkun wahda ghal fini ta’ ripreza u mhux kif gie mitlub. Kwindi d-decizjoni moghtija kienet “extra petita”.

(II) Bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju, la ma kienx hemm bejgh, parti mis-somma mitluba trid tigi mnaqqsa peress li tirraprezenta t-taxxa tal-valur mizjud, li tithallas biss f’kaz li jkun hemm bejgh.

Jekk imbaghad, indirettament, is-sentenza timplika li l-ammont reklamat kien dovut bhala prezz tal-bejgh, allura kellha tigi ezaminata l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ghalhekk is-socjeta` konvenuta talbet ir-revoka tas-sentenza appellata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra s-socjeta` appellata.

**<u>IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA` ATTRICI APPELLATA</u>**

3.1. L-appellata wiegbet li s-sentenza appellata, salv dak li gie ritenut minnha fl-appell incidentali li hija interponiet, hija gusta u timmerita konferma, bl-ispejjez kontra s-socjeta` konvenuta.

3.2. L-applikazzjoni tal-kuncett tal-ekwipollenza fil-kaz in ezami kienet wahda korretta. Ghalhekk is-somma minnha miltluba kienet dovuta interament. Dwar il-hlas tal-VAT hija tirrileva li n-negozju *de quo* kien jammonta ghal “taxable supply” ghall-finijiet ta’ l-Att dwar Taxxa fuq il-Valur mizjud (Kap. 406).

**<u>L-APPELL INCIDENTALI TAS-SOCJETA` ATTRICI</u>**

4. L-aggravju tas-socjeta` attrici li fuqu impernjat l-appell incidentali taghha huwa, in succint, kif gej:

(i) illi mill-atti processwali mkien ma tirrizulta xi kontestazzjoni dwar in-natura tan-negozju li sar bejn il-partijiet. Darba li l-bejgh ma giex ikkontestat *per se*`, l-ewwel Qorti lanqas kellha ghalfejn tinvesti u tiddeciedi dwaru. Il-kontestazzjoni kienet biss dwar jekk l-obbligazzjoni ghall-hlas ta' bejgh gietx estinta jew permezz ta' transazzjoni jew bis-sahha tal-preskrizzjoni.

(ii) mill-provi ghandu jirrizulta li "n-negozju (f'dan il-kaz) huwa bejgh veru u proprju".

L-ewwel Qorti ghalhekk "ma kellhiex tikkonkludi li ma gewx sodisfatti l-elementi tal-bejgh". Jekk stess kien hemm xi dubbju dwar l-element tal-bejgh, li mhux il-kaz, dan id-dubbju gie mxejjen fid-dawl ta' l-eccezzjoni bbazata fuq il-prezunzjoni li sar il-bejgh.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

5. Ghal fini ta' pratticita` jkun utli li fl-ewwel lok jigi investit u deciz l-appell incidentali tas-socjeta` appellata ghar-raguni li l-punt tat-tluq ghandu jkun ibbazat fuq decizjoni dwar jekk kienx sehh il-bejgh ta' l-oggetti *de quo*, li dwarhom intalab hlas ghas-somma komplessiva ta' Lm16,397.36, ekwivalenti ghal €38,195.57. Jekk imbaghad kellu jirrizulta li hawn si trattava tassew ta' bejgh – kif ghadha tippretendi s-socjeta` attrici, li hekk ukoll ippremettiet fl-att tac-citazzjoni, il-Qorti allura tghaddi biex tara wkoll jekk it-talba relattiva kenitx legalment preskritta jew le.

6. Mill-provi jirrizulta li in data tat-30 ta' Settembru 2000, Anton Scicluna kien iffirma l-"valutation sheet" tas-socjeta` Pilastri Developers Company Limited, fejn fiha jidher inkluz illi kien hemm "construction assets" konsistenti f'apparat li jissejjhu "bobcats" u ingenji ohra ancillari ghas-sengha tal-kostruzzjoni ghall-valur ta' Lm14,259 (ekwivalenti ghal €33,214.54). Fl-istess waqt, dejjem f'din il-"valutation sheet", jidher ukolli l-prezz ta' 25,000 ishma li kellhom jinbieghu mill-ahwa Testaferrata (ara fol. 68 tal-process) ghall-valur ta' Lm4,824 (€11,263.90). Mill-provi jirrizulta wkoll li nqala' nuqqas ta'

qbil dwar dawn il-“bobcats” u accessorji fis-sens li, min-naha l-wahda, is-socjeta` attrici insistiet li dawn ma kenux jiffurmaw parti integrali mill-ftehim ta’ trasferiment filwaqt li min-naha l-ohra s-socjeta` konvenuta rriteniet li dawn, invece, kienu jiffurmaw parti minn transazzjoni u tpacija li sehhet fir-rigward tat-trasferiment ta’ l-ishma. Prova konkreta – spettanti din id-darba lill-konvenuta – li hija akkwistat ukoll dawn il-“bobcats” baqghet ma ngabitx. Hemm biss allegazzjonijiet li ntlahaq ftehim verbali dwar it-trasferiment taghhom li, pero`, hu innegat min-naha tax-xhieda tas-socjeta` attrici. Kif tajjeb gie osservat mill-ewwel Qorti;
“Mill-provi prodotti ma jidhirx illi f’xi mument partikolari fin-negozjati kien hemm xi ftehim tas-socjeta` konvenuta li hi tixtri dawn il-bobcats.”

Fl-istess waqt bhala fatt jirrizulta li xtrathomx jew le, is-socjeta` konvenuta baqghet fil-pussess u taghmel uzu minn dan l-apparat ta’ kostruzzjoni daqs li kieku saru taghha u, gustament, is-socjeta` attrici ppretendiet allura li titlob hlas ekwivalenti ghal prezzhom. Fl-istat ta’ incertezza li sabet ruhha fiha dwar in-natura tan-negozju li kien sehh, is-socjeta` attrici unilateralment iddecidiet li tikkunsidra dawn l-oggetti bhala li gew mibjughin lill-kontroparti. Talbet ghalhekk hlas tal-prezz taghhom a bazi ta’ vendita, u billi baqghet ma rceviet ebda hlas, agixxiet b’azzjoni kif fuq inghad. L-ewwel Qorti gustament, fil-fehma konsiderata ta’ din il-Qorti, irriteniet li ghalkemm kumpens kien tassew dovut lis-socjeta` attrici minhabba li l-oggetti baqghu ghand is-socjeta` konvenuta, ma setghetx pero` tikkunsidra dan il-kumpens fuq bazi li kien sar bejgh, kif pretiz min-naha tal-attrici. Dan ghaliex il-bejgh hu kuntratt li bih wahda mill-partijiet tintrabat li taghti haga lill-ohra bi prezz li din il-parti l-ohra tintrabat li thallas lilha (ara l-Artikolu 1346 *et seq* tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta).

7. Fl-aggravju taghha, espost b’mod kemmxejn konfuzjonarju, is-socjeta` appellata ssottomettiet li darba li l-premessa li hawn si trattava ta’ bejgh ma gietx kontestata, u li l-provi juru li bejgh tassew kien hemm,

allura l-ewwel Qorti zbaljat meta waslet ghall-konkluzjoni opposta.

Bir-rispett kollu, dan l-aggravju huwa ghal kollox u altament infondat. Jekk wiehed jezamina bir-reqqa l-eccezzjonijiet tal-konvenuta, imqar jekk dawn gew in segwitu respinti mill-ewwel Qorti, kien jemergi sufficjentement bic-car li s-socjeta` konvenuta kienet qeghda tippretendi li l-oggetti *de quo* kienu saru taghha bhala parti integrali mill-akkordju kummercjali milhuq bejn il-kontendenti billi tghid li l-oggetti kienu komprizi fit-trasferiment ta' l-ishma. Billi, pero`, s-socjeta` attrici baqghet – u ghadha sa issa tinsisti – li dawn l-oggetti ("construction assets") kienu gew akkwistati b'xiri mill-kontroparti, allura kellu jsegwi li fl-ewwel lok l-ewwel Qorti kellha necessarjament tinvesti dan il-punt proprju sabiex tigi stabbilita n-natura tan-negozju involut.

Fit-tieni lok, gia` ntqal li, minkejja l-insistenza taghha li mill-provi ghandu jirrizulta f'kull kaz li dak li sehh kien taht forma ta' bejgh, din il-prova ma tirrizultax sufficjentment.

Kjarament ghalhekk l-aggravju tas-socjeta` attrici li nduciha biex tinterponi appell incidentali huwa infondat u qieghed jigi respint.

**DWAR L-AGGRAVJI TAS-SOCJETA` KONVENUTA APPELLANTI**

8. Is-socjeta` konvenuta tissottometti illi ghall-kaz in ezami ma kienx lecitu jew ammissibbli li, darba li s-socjeta` attrici bbazat l-azzjoni taghha fuq premessa ta' bejgh, l-ewwel Qorti spiccat biex laqghet it-talba xorta wahda wara li kkonkludiet li ghalkemm bejgh ma kienx hemm, dehrilha opportun li ghandha tapplika l-kuncett ta' l-ekwipollenza, u dan meta ma kienx wiehed minn dawk il-kazi fejn tali kuncett kellu jigi applikat.

9. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni in propozitu maghmula mis-socjeta` appellanti. Mill assjem tal-provi jidher aktar minn ovvju li l-oggetti *de quo* mhux sempliciment baqghu detenuti minnha, imma li hija bdiet

taghmel uzu shih minnhom u di piu` bdiet tikkonsidrahom bhala taghha billi ppretendiet li kienu jiffurmaw parti integrali mill-ftehim ta' trasferiment ta' l-ishma. Issa darba li ma giex ippruvat li dan mhux il-kaz, allura taht xi forma jew ohra, kumpens adegwat kellu jinghata lil min kien originarjament sid dawn l-oggetti, imqar jekk mhux a bazi ta' bejgh. Lanqas wiehed ma jista' jikkunsidra xi forma ta' preskrizzjoni ghaliex il-kwistjoni li nqalghet dwar dawn l-oggetti baqghet tigi dibattuta u miftuha kontinwament bejn il-kontendenti. F'kull kaz ukoll, il-preskrizzjoni invokata da parti tas-socjeta` appellata kienet tirrigwarda l-premessa ta' bejgh – li, kif gia` inghad, m'hijiex premessa assodata mill-provi.

Huwa minnu li meta tinghata kawzali specifika – kif sar f'dan il-kaz – in linea ta' principju din m'ghandhiex tigi mibdula. Imma kien hemm decizjonijiet fejn gie deciz li l-Qorti hi fakoltizzata li, fejn hekk jokkorrilha, tipprovdi fuq il-mertu in bazi ghall-kriterju ta' ekwipollenza jekk tinsab li hemm ekwivalenza logika u bastanti biex wiehed ma jinkorriex f'nullita` (Koll. Vol XX IX-11-698; VolXLVIII-11-17). Kif jinghad fis-sentenza fl-ismijiet Design Elemnents Limited v. M.P. Camilleri pro. et nomine et deciza fl-20 ta' Ottubru, 2004, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)
"Dan (hu hekk) in omagg ghal dak il-hsieb ispiratur, traccjat f'bosta decizjonijiet, li jevita kemm jista' jkun il-moltiplikazzjoni u d-dilazzjoni tal-liti u li jiskoraggixxi l-formalizmu rigidu li 'si attaccava con troppo severita` e poco riguardo agli interessi dei contendenti e dell'amministrazione della giustizia in generale' (Koll. Vol XXVI-I-424). U allura kien sostnut, 'nulla osta a che dietro le prove da farsi si dichiari il vero carattere di rapporti giuridici dei contendenti derivanti dai fatti ossia delle operazioni tra loro seguite, nello scopo di provvedere perche` restino liquidati, se il caso cosi` esigesse per la retta amministrazione della giustizia".

10. Hija l-fehma ta' din il-Qorti li l-effetti reali tan-negozju jew operat kummercjali li sehh bejn il-partijiet, anke jekk ma jistax jissejjah formalment bhala wiehed ta' bejgh, huma analogi ghal bejgh u, kwindi, hu kaz fejn il-principju

ta’ l-applikazzjoni tal-ekwipollenza seta’ validament jigi applikat. B’sentenza ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet Paul Gauci et v. Joseph Mugliette, deciza fid-9 ta’ Frar 2001 gie kkonfermat li l-formalizmu m’ghandux jeskludi:
“...kull ezercizzju legittimu ta’ analogija anki *per equipollens* – ezercizzju dan illi hu wkoll rikonoxxut mill-gurisprudenza u li hu kultant mehtieg biex jaghti sinifikat korrett lill-azzjoni kif proposta, jiffavorixxi l-ekonomija tal-gudizzji u jassigura gustizzja bejn il-partijiet.”

11. Minn analizi ta’ l-eccezzjonijiet moghtija mill-appellanti (ara fol. 22 tal-process) jirrizulta b’mod mill-aktar skjett li l-oggetti in kawza kienu tassew ghaddew ghand is-socjeta` attrici in kwantu hija tghid espressament li akkwistathom minghand Pilastri Developers Limited. Issa fil-kors tal-provi rrizulta pacifiku li s-socjeta` Pilastri Developers Company Limited llum jisimha Tabria Developers Company Limited u darba li s-socjeta` konvenuta naqset milli ggib il-prova dwar kif hija akkwistat tali oggetti, allura kien legittimu li s-sid precedenti ta’ l-istess oggetti, jigifieri s-socjeta` attrici, titlob somma li tkun ekwivalenti ghall-valur dikjarat taghhom. Dan hu sewwa sew dak il-ezercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti biex applikat l-ekwipollenza u din il-Qorti hija tal-fehma li, fic-cirkustanzi, dik il-Qorti ddecidiet korrettement.

Ghalhekk dana l-aggravju qieghed jigi respint.

12.1. *In subsidium* is-socjeta` konvenuta adduciet aggravju addizzjonali in kwantu tirritjeni li “mid-dokumenti pprezentati mis-socjeta` appellata, jirrizulta li l-valur ta’ l-oggetti huwa ferm inqas mill-ammont riklamat bhala prezz tal-bejgh ta’ l-oggetti mertu ta’ din il-kawza”. L-appellanti pero` ma tindikax kemm, se mai, kellu jkun dan il-valur.

12.2. Min-naha l-ohra, is-socjeta` appellata wiegbet li dan in-negozju kien “taxable supply” u fuqu kellha tithallas it-taxxa fuq il-valur mizjud (VAT).

13. Din il-Qorti, wara li gharblet is-sottomissjonijiet taz-zewg nahat, hija tal-fehma li fir-rigward ta’ dan l-aggravju sussidjarju, is-socjeta` appellanti ghandha ragun. Il-valur

tal-“construction equipment” (ara fol. 68) jinsab indikat kjarament bhala Lm14,259 u mhux ta’ Lm16,397.36 kif reklamat mill-appellata. Mhux biss ma ingabet ebda prova dwar hlas ta’ VAT imma lanqas ma jirrizulta minimament li jekk tassew tali taxxa kienet dovuta, allura bilfors kellha taghmel tajjeb ghaliha s-socjeta` konvenuta. Fil-fatt dwar din id-diskrepanza ta’ Lm2,138.36 (€4981.04c) bejn il-valur ta’ l-oggetti akkwiziti mis-socjeta` appellanti u l-valur oghla reklamat mis-socjeta` appellata ma jissemma’ xejn. Billi pero` s-socjeta` konvenuta eccepiet li ebda hlas ma kien jispetta lis-socjeta` attrici, isegwi li kien jinkombi fuq l-istess socjeta` attrici li tipprova u tiggustifika tali differenza fil-valur – haga li ma saritx.

14. Kwindi dan l-ahhar aggravju huwa fondat u jfisser ghalhekk li l-ammont li huwa realment dovut huwa dak ta’ Lm14,259 (ekwivalenti ghal €33,214.54c) u mhux kif deciz mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata.

Ghal dawn ir-ragunijiet:

Tiddeciedi billi tilqa’ *in parte* l-appell tas-socjeta` konvenuta limitatament ghall-ammont tas-sorte moghtija mill-ewwel Qorti u ghalhekk qeghda tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha in kwantu sabet lis-socjeta` konvenuta appellanti passibbli ghall-hlas tal-valur ta’ l-oggetti akkwiziti minnha kif fuq inghad, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn is-socjeta` appellanti giet ikkundannata thallas l-ammont ta’ Lm16,397.36, u minflok, tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta li thallas l-ammont inferjuri fl-ammont ta’ Lm14,259 (ekwivalenti ghal €33,214.54c), bl-interessi skond il-ligi mid-data tan-notifika tac-citazzjoni, u fl-ahharnett, qeghda tirrespingi *in toto* l-appell incidentali interpost min-naha tas-socjeta` appellata.

In vista tas-suespost, ghandu jkun hemm temperament fil-kap ta’ l-ispejjez li jirrifletti dak illi gie deciz, u ghalhekk, qeghda tiddeciedi li (1) l-ispejjez kollha relattivi ghall-appell incidentali ghandhom ikunu unikament a kariku tas-socjeta` attrici, u (2) il-bqija ta’ l-ispejjez gudizzjarji relattivi ghaz-zewg istanzi ghandhom jigu sopportati kwantu ghal

tlieta minn kull erba’ partijiet ($^3/_4$) mis-socjeta` konvenuta appellanti u r-rimanenti kwarta parti ($^1/_4$) tithallas mis-socjeta` attrici appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------